*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

## Disa' Legislatura

### *Laqgħa numru 57*

***5.30p.m 21 ta' Frar 2022***

### *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina - Kunsillier

### *Assenti b'Apoloġija*

Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

### *57.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

57.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri u l-Kunsillier is-Sur Colin Pace talbu li jiġu skużati mill-laqgħa minħabba raġunijiet personali.

## *57.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

57.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 56. Wara li ħadd mill-membri ma kellu emendi oħra fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *57.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

57.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li waqt l-attivita' tal-Karnival li saret kien hemm maskarun quddiem il-Parroċċa tas-Ssma. Trinita' li laqtet karozza. Il-persuna kkonċernata bagħtet ir-rapport tal-Pulizija. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer spjega li mill-ġrif li hemm fil-karozza għandhu dubju kemm seta' il-maskarun ħalla dak il-ġrif. Wara diskussjoni fost dawk preżenti s-Sindku qal li l-Kunsill ser ikun qed iqabbad surveyor u l-Kunsill ser ikun qed jiddeċiedi li jħallas jew le tal-ħsara abbażi ta' dan ir-rapport. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li jekk is-surveyor għandu raġun il-Kunsill għandu jħallas u mhux jistenna laqgħa oħra.

## *57.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

57.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li f'Qormi Road qed ikun hemm ammont ta' skart tar-riċiklaġġ li qed jiġi mgeddes. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-din hija prattika ħażina u l-Kunsill ser ikun qed jinforma lill-kuntrattur.

57.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li fit-Triq Nerik Sacco qed ikun hemm vannijiet kbar ipparkjati biswit il-galleriji tar-residenti, apparti l-fatt li hemm skip bla permess. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li ser jinforma l-Pulizija.

57.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li hemm ħafna ħaxix ħażin fi Ġnien Spencer. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li filwaqt li huwa veru li l-proġett ta' Ġnien Spencer wasal biex jibda xorta waħda il-kuntrattur huwa obbligat li jaqta l-ħaxix li hemm fiħ u l-Kunsill ser ikun qed jinfurmaħ. Apparti hekk hemm bżonn żieda ta' ħamrija fi Ġnien Belveder biex il-ħaxix ħażin ikun jista' jinqata' bil-magna.

57.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer talab sabiex il-magna l-ġdida tal-BCRS li hemm fi Triq is-Salib tal-Marsa hemm bżonn li tkun qed tħares il-barra u mhux il-ġewwa minħabba li hekk kif inhu l-post qed jħajjar għall-abbuż. Apparti hekk qed jintrema' ammont ta' skart ieħor fil-post u hemm bżonn skip. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li huwa ser ikellem il-persuna kkonċernata.

## *57.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

57.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 02/2023 annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti oħra dwar il-kontijiet l-oħra mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

.

## *57.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

57.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Pageant Group Marija Reġina qed tistaqsi l-Kunsill jekk hux interessat jirreklama fil-ktieb li jippublikaw fi żmien l-Pageant u l-Wirja Artistika. Il-prezz għal back page u bil-kulur tammonta għall-€300. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezzjoni l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

57.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Project Green li hija agenzija ġdida li ser tkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' spazji miftuħin f'Malta u Għawdex nedew Community Greening grant biex jagħtu opportunita' lill-Kunsilli japplikaw għal finanzjament.

57.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Kumitat Festi Esterni Marija Reġina nforma l-Kunsill li jinsab disponibbli sabiex iqassam flyers jew ittri fil-lokalita' tal-Marsa. Jekk il-Kunsill jaċċetta dan jista' jsir għal €200 kull darba li jkun hemm distribuzzjoni. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

57.6.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lill-dawk preżenti sabiex il-Kunsill jieħu deċizjoni dwar it-talba tal-Kumitat Festi Esterni Marija Reġina biex in-nar tal-art jersaqw mall-kisra ta' Triq Isouard ma Qormi Road. Wara diskussjoni fost dawn preżenti ġie miftiehem li l-Kunsill jaqbel li n-nar tal-art għandhu jiċċaqlaq min Triq Nerik Sacco u jersaq għal Triq Isouard. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

57.6.5 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Għaqda Festi Esterni Trinita' Qaddisa ser ittella' wirja relatata mall-Gimgħa Mqaddsa. Biex din tiġi rreklamata ser isiru posters u avviżi għalhekk qed jistaqsu jekk il-Kunsill jistgħax jgħin billi jagħmel reklam fuq il-poster li jiswa €300. Il-Kunsillier s-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

57.6.6 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li fl-aħbarijiet ta' TVM intqal li l-krematorju taż-żona tal-Port il-Kbir jista' jsir propju fil-Marsa. Fil-fatt, il-Kunsill Lokali tal-Marsa rċieva korrispondenza mill-Għaqda Storika u Kulturali tal-Marsa fejn qed tħeġġeġ il-Kunsill biex huwa jwassal leħnu

kontra proposta bħal din. Is-Sindku spjega li huwa ma jaqbilx li l-Marsa tintgħażel bħala post li fih isir il-krematorju. Mid-dokument li ħarġet il-Planning Authority jidher li l-Marsa ma tant hija waħda mill-lokalitajiet li jistgħu jintlaqtu mill-bini ta' krematorju, iżda s-Sindku ma jridx jagħti ċans u għalhekk bħala Kunsill għandna nibgħatu oġġezzjoni lill-Planning Authority bil-pożizzoni tal-Kunsill li kontra li b'xi mod jew ieħor jiġi l-krematorju l-Marsa. Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat u l-vot favur li ma jsirx krematorju fil-Marsa kien wieħed unanimu.

## *57.7 Riżultati Finanzjarji għar-4 Kwart tas-Sena 2022*

57.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lill-accountant tal-Kunsill is-Sur Laurence Manicaro sabiex jagħti d-dettalji tal-andament finanzjarju tal-Kunsill għall-aħħar kwart tas-sena 2022. Matul dan il-perjodu rajna li l-Kunsill irreġistra telf ta' madwar €52,000 wara li l-infieq rreġistrat mill-Kunsill kien aktar mid-dħul li rċieva. F'dan il-perjodu kien hemm żieda sostanzjali bl-infieq b'rabta mall-attivitajiet relatati mall-Marsa Belt Kulturali 2022. Madankollu, l-indikatur finanzjarju ewlieni FSI xorta waħda baqa' f'territorju pożittiv hekk kif dan tela' għall-livell ta' 24 fil-mija li qed jindika li minkejja l-infieq irreġistrat matul il-perjodu, l-finanzi tal-Kunsill xorta waħda huma reżiljenti. Is-Sindku talab biex ir-riżulati jiġu approvati. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *57.8 Riżultati Finanzjarji għas-Sena 2022 mhux awditjati*

57.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lill-accountant tal-Kunsill is-Sur Laurence Manicaro sabiex jagħti r-riżultati finanzjarji mhux awditjati għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2022. Hawnhekk rajna li komplessivament il-Kunsill bħala fondi rċieva fondi ta' madwar €1,023,000 u nefaq €1,066,000 b'riżultat ta' defiċit ta' madwar €52,000. Dan l-iżbilanċ huwa dovut primarjament min żieda fl-infieq għall-attivitajiet tal-Marsa Belt Kulturali 2022, madankollu, rajna li kien hemm żieda ukoll fil-pagi tal-impjegati tal-Kunsill. Il-cash and cash equivalents kien ta' madwar €211,000 li huwa f'territorju pożittiv u għalkemm fis-sena ta' qabel il-cash and cash equivalets kienu ta' aktar min €600,000 dawn kienu jinkludi ammont sostanzjali ta' fondi mill-iskema Belt Kulturali 2022, l-attivitajiet Milied 2021 u anke tal-Ġnien Belveder. Is-Sindku talab għall-approvazzjoni ta' dawn ir-riżultati finanzjarji. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *57.9 Budget għas-Sena 2023*

57.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lill-accountant tal-Kunsill is-Sur Laurence Manicaro sabiex jagħti rendikont tal-Budget għall-din is-sena, fejn il-Kunsill huwa mistenni jnaqqas id-defiċit għalwieħed marġinali ta' madwar €8,000. Dan hekk kif il-Kunsill mhux ser ikun qed jirrepeti l-istess ammont t'infieq fuq l-attivitajiet bħas-sena l-oħra. Apparti hekk il-Kunsill huwa mistenni li jkompli jiġbor mill-fondi pendenti li fadal jieħu mill-istess skemi. Is-Sindku talab l-approvazzjoni ta' dan id-dokument. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *57.10 Attivitajiet għas-Sena 2023*

57.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lill-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer jagħti dettalji t'attivitajiet li ser ikun skedati għal din is-sena. Il-Kunsillier Spencer qal apparti l-karnival li diġa' sar jixtieq jibda jaħdem fuq l-attivitajiet li ġejjin bil-għan li jista' jibda jaħdem kmieni fuqhom. L-attivitajiet għal din is-sena ser ikun jinkludu il-parade tal-Milied u l-esebizzjoni tal-presepji. Apparti hekk il-Kunsillier spjega li l-presepista s-Sur Alan Briffa, jixtieq jagħti korsijiet b'xejn lill-studenti li jixtiequ jaħdmu presepju, l-uniku ħlas li qed jitlob huwa għall-materjal li bih iridu jaħdmu. Huwa ssuġġerixxa li l-post fejn isiru dawn il-korsijiet ikun fil-kamra tal-Kunsill fejn l-uffiċini tal-AWAS. Wara diskussjoni fost dawn preżenti, l-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat u l-vot favur kien unanimu.

## *57.11 Riġenerazzjoni taċ-Ċentru Storiku tal-Marsa*

57.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li wara li l-Kunsill kellu laqgħa mall-Onorevoli Aaron Farrugia u l-Kap Eżekuttiv tal-Grand harbour Regeneration Committee s-Sur Gino Cauchi, jidher li hemm pjanijiet konkreti biex isir investiment fit-tisbiħ taż-żona storika tal-lokalita' ħdejn il-Knisja tas-Ssma' Trinita' lejn Triq is-Sajjieda. Il-Sindku spjega li jrid jinvolvi l-perit sabiex nieħdu idejat dwar kif jista jiġi msebbaħ u fl-istess ħin ninvolvu l-għaqdiet tal-lokal. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer talab li jkun hemm site plan tat-toroq kollha indikati sabiex min dawn it-toroq l-għaqdiet ikunu jistgħu joħorġu l-idejat tagħhom. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono telaq mill-laqgħa fis-7.15p.m.

## *57.12 Diskussjoni dwar l-Estenzjoni tas-Servizz tal-Vann*

57.12.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li matul l-istess laqgħa mall-Ministru Aaron Farrugia ġie diskuss ukoll il-problemi relatati mall-Marsa Ħamrun Bypass għar-residenti tat-Triq Jean de la Cassiere. Il-Ministru Farrugia kien tal-ħsieb li biex itaffi il-problema t'aċċessibilita' li għandhom ir-residenti ta' Triq Jean de la Cassiere jkun hemm estensjoni tas-servizz tal-vann għall-anzjani sall-4.00 ta' wara Nofsinhar. Wara diskussjoni fost dawk preżenti kien hemm qbil li filwaqt li l-Kunsill japprezza li l-Ministru kien kommess li permess tal-estenzjoni tas-servizz ta' vann għall-kommunita' jixtieq itaffi mill-problemi għar-residenti ta' Triq Jean de la Cassiere, l-Kunsill jemmen li din is-soluzzjoni mhix waħda sostenibbli. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer spjega li resident biex joħroġ min daru f'ħin stipulat irid jinforma l-Kunsill mhix soluzjoni, u fil-laqgħa talab lill-Ministru sabiex il-Kunsill ikollu l-persuni esperti li neħħew iz-zebra crossing minħabba s-sigurta' fit-triq arterjali. Wara li ħadd ma kellu aktar mistoqsijiet fuq dan Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *57.13 Bust għas-Superjur George Grima*

57.13.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li bħalma ġie ndikat f'laqgħa preċedenti l-Kunsill Lokali kien qabel li jsir bust għas-Superjur George Grima. Madankollu, l-Kunsill irid jibda billi japplika għall-permessi mall-perit. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *57.14 Update – Day Care Centre evaluation board*

57.14.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħti dettalji dwar ix-xogħol amministrattiv li attwalment huwa għaddej marbut mall-proġett tad-Day Care Centre għall-anzjani. Is-Segretarju spjega li il-board t'evalwazzjoni huwa lest biex jintaqa' wara li sar ħafna xogħol relatat ma' klarifikazzjoni mall-kuntrattur. Madankollu, hemm bżonn l-approvazzjoni tal-Kunsill għall-membri tal-bord. Iċ-Ċermen huwa s-Sur Christopher Falzon, hemm ukoll l-evalwatur d-Dott. Ludvic Caruana, is-Sur Malcolm Agius u s-Sur Philip Carabott. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezzjoni l-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *57.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

57.15.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.35pm u ġiet aġġornata għas-23 ta' Marzu fil-5.30pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

IFFIRMATA

Josef Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Edward Spiteri Audibert
Segretarju Eżekuttiv